MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2005

Numru. 1062/2005

PULIZIJA
SPETTUR CHRIS PULLICINO
VS
JONATHAN FARRUGIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jonathan Farrugia, ta’ 28 sena, bin Emanuel u Joanne nee’ Falzon, imwieled Pieta’ nhar is-7 ta’ Lulju 1977, u residenti Joedor, St Anthony Street, San Gwann, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 339777(M), u akkuzat talli fit-23 ta’ Novembru 2005, fl-ghassa tal-Hamrun xi hin filghaxija, bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista’ tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta’ reat.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod illi jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

U aktar talli fit-23 ta' Novembru 2005, ghall-habta tad-disgha u nofs ta' filghaxija, gewwa l-Marsa, offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat Art 110(1) u (2), 209, Art 28A Kap 9 tikkundannah ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn.

Din il-piena inghatat wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kas inkluz il-fatt li l-imputat huwa "a first offender".

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------